FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 9 ta' Novembru, 2001

**Numru 1**

**Avviz. numru 1008/01JR**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Stephen Nappa**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Settembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' hames mija u hdax-il lira Maltija wiehed u hamsin centezmu (Lm511.51), rapprezentanti hlas ghal-servizzi rezi mis-socjeta` attrici lill-konvenut in konnessjoni mal-"mobile phone" bin-numru 0944 3585;

Il-konvenut interpellat sabiex ihallas diversi drabi baqa' nadempjenti;

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-konvenut mid-data meta l-ammont preciz f'din

it-talba kien dovut sal-pagament effettiv, inkluzi l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Semgha x-xhieda ta' Dr. Beppe Fenech Adami ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Art.13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u hdax-il lira Maltija wiehed u hamsin centezmu (Lm511.51) bl-imghaxijiet legali mil-5 ta' Ottubru, 2001 sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

Dr Joseph Refalo
GUDIKATUR